MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 474/2002

**Nazju Vella**

**Vs**

**Richard u Ruth konjugi Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li fi zmien qasir u perentorju, jizgumbraw mill-fond numru dsatax (19), Triq id-Dejqa, Siggiewi, peress illi il-konvenuti qed jokkupaw l-istess fond bla ebda titolu validu fil-ligi, bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza, huwa ddikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond ma jeccedix l-ghoxrin lira maltija (Lm20) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiew bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija wahda nfondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan stante li l-konvenuti jokkupaw il-fond 19, Triq id-Dejqa, Siggiewi b'titolu validu fil-ligi u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 147 ibid dwar in-noti hemm indikati li, pero, ma gewx sottomessi.

Ikkunsidrat

Illi, dwar it-titolu allegatament detenut mill-konvenuti, Richard Gauci xehed (a fol 15 u fol 24 et seq ibid) u sostna illi hu, presentement 28 sena bhala eta', kien ilu jghix fil-post in kwistjoni minn mindu kellu seba' snin u dan flimkien ma nanntu, li mietet fl-2002.

Filfatt, skond hu, hu kien di gja jirrisjedi fl-istess post meta kien ghadu haj nannuh, Anthony Gauci, li miet meta l-istess konvenut kellu tmien snin. Il-konvenut, b'mod aktar specifiku, semma illi hu kien jmur fl-iskola tas-Siggiewi, u 'kull jum regolarment' kien jmur fil-post in kwistjoni fejn kien jiekol u jorqod kif ukoll ' … inzomm hemmhekk l-affarijiet personali tieghi', u waqt li nanntu kienet tahsillu hwejjgu u dan avolja missieru u ommu kienu ghadhom hajjin. In rigward nanntu, hu sema' li kien mar jirrisjedi maghha bhala ' wens' avolja fl-istess post kienet tirrisjedi, ukoll oht nannuh. Madwar tmin snin qabel ma xehed, hu kien izzewweg u hu baqa' jirrisjedi fl-istess post flimkien ma' martu sal-present. Dwar il-kera, dan kien ghadu jsejjah lill-nannuh avolja dan kien miet madwar ghoxrin sena' qabel u x-xhud kien jmur jhallsu lill-mart l-attur fis-Siggiewi, xi kultant akkompanjat minn nanntu. Hawnhekk hu semma li, anke meta kienet ghada hajja nanntu, l-attur ried il-post lura minhabba t-tfal tieghu u semma li, f'dan il-perjodu kienet saret kawza mill-istess attur li, pero', '… waqqa l-kawza'. Wara l-mewt tan-nannu, hu kien mar sabiex jhallas il-kera izda ma gietx accettata u ghalhekk

sar depositu fir-Registru tal-Qorti. Dwar il-karta tal-identita tieghu, dan kien dawwarha, bhala indirizz residenzjali u dan madwar seba' snin qabel cjoe fl-1996. Pero imbaghad zied jghid anke l-ewwel karta tal-identita tieghu li saret meta kellu 20/21 sena kienet registrata fuq l-istess post. Il-konvenut semma' li hu kien wiret post minghand habib tieghu izda fuq dan il-post hemm kawza fil-Qorti (ara ukoll ix-xhieda ta' Ruth Gauci a fol 19 u fol 20 ibid) li semmiet illi l-istess nanna ta' zewgha kienet iddahhlet f'Has Serh mill-familjari taghha fejn eventwalment mietet kif ukoll taz-ziju tal-konvenut, Joseph Gauci a fol 22 u fol 23 li qal li l-konvenut kien joqghod ma' ommu u missieru izda dan kien '.. joqghod ghassa maghhom …' (cjoe man-nannu u z-zija) l-istess konvenut u '.. kien joqghod kemm fil-ghodu u kemm filghaxija u kif ukoll matul il-lejl .. minn mindu (Richard Gauci) kellu seba' snin'.

Ikkunsidrat

Illi l-attur meta xehed permezz ta' 'affidavit' a fol 29 et seq ibid u diversi dokumenti annessi ma' dan l-att, semma li l-post in kwistjoni kien inkera lin-nanniet tal-konvenut. Wara li miet Antonio Gauci, kien baqghet tirresjedi fl-istess post martu Marija Assunta Gauci. Hu sahaq li qatt ma kellu xi kwistjoni man-nanna tal-konvenut. Inoltre bejn l-1994 u 1995, hu kien zar lill-istess inkwilina u sab li kienet marret lura f'sahhitha tant li anke sabuha fis-sodda wara l-bieb ta' barra. F'dawn iz-zjarat, hu ma kien ra l-ebda evidenza li kien hemm xi hadd iehor jghix maghha b'mod permanenti hlief ghal Nikolina Pulis waqt li l-konvenut ma kienx hemm. F'Mejju 1995, kien gie l-istess konvenut ma' missier dan u l-attur kien intalab, oltre li jaccetta l-kera f'isem l-inkwilina li kienet rikoverata fl-Isptar St Vincent De Paule, sabiex il-kera jdur fuq isem l-konvenut izda x-xhud ma kienx accetta dan tal-ahhar ghax in-nanna kienet ghadha hajja. Inoltre hu xtaq li wara li tigi nieqsa l-inkwilina, il-post jittiehed lura minnu ghar-ragunijet hemm specifikati. F'okkazzjoni wahda, hu kien mar jzur l-istess post u kien sab, meta tela' t-tarag hu kien ra trinek imhaffrin sabiex jghaddi l-'conduit' tal-elettriku. Fil-kamra tas-sodda fejn kienet torqod l-istess inkwilina qabel ma ddahhlet fl-imsemmi Sptar, kien hemm kcina

ghadha zarmata, sabiex titpogga isfel fejn ghadu ma kienx irrangat. F’kamra ohra tas-sodda, kien hemm ghamara gdida inkluza sodda doppja. Dwar dan, ix-xhud qal li ma kien ta’ l-ebda kunsens, sabiex jsiru xogholijiet fin-naha ta’ isfel, li dak in-nhar, ma kienux inbdew. Dwar il-karta tal-identita tal-konvenut u martu, l-attur sostna li din kienet giet mibdula, f’dak li jirreferi ghar-residenza registrata, minn post f’Triq il-Brija, Siggiewi, ir-residenza ta’ missieru ghal dak in kwistjoni. Inoltre kien ghamel xi zmien, l-istess konvenut, jirrisjedi ma familjari ta’ martu meta kien izzewweg (ara l-annessi Dok NV1 a fol 32, fol 34 u fol 35 kontenti f’estratti mir-registru elettorali mahrugin f’Ottubru 1993, f‘April 1994 u f’Ottubru 1996). Fl-ahhar nett hu testwalment jghid ‘Richard Gauci (fuq informazzjoni li inghata minn sors injota) tefa’ l-ankri fil-fond mikri lil nanntu wara li hija kienet gja erba’ xhur rikoverata l-Isptar, u wara li marret lura hafna f’sahhitha tant li kien jidher li m’hijiex ser tirritorna lura d-dar’. In kontro esami (fol 86 et seq ibid) l-attur beda billi qal dak li qal fl-esami tieghu fis-sens illi kien minnu li kien hemm di gja kawza kontra l-konvenut odjern u ohra n-nanna tal-konvenut ‘Nikolina Pulis’ izda din kienet ceduta minnu ghax kellha ssir kontra n-nanna tal-konvenut. Inoltre hu kompla jsostni illi meta zar il-post in kwistjoni, hu qatt ma kien ra, fih, lill-konvenut. Meta rrinfaccjat b’ittra esebita in atti a fol 44, hu qal testwalment ‘Ghalhekk hawnhekk nghid illi kont naf illi Richard Gauci kien qieghed fil-post’ fl-1996 (ara ukoll fol 148 u x-xhieda ta’ mart l-attur, Philippa Vella, a fol 54 u fol 92).

Illi l-attur ipproducew, bhala xhud lil Nazzareno Ciantar (fol 67 u fol 68 ibid) li jirrisjedi fl-istess triq tal-post in kwistjoni bin-numru 14 u dan sostna illi l-konvenut kien mar jirrisjedi fil-post in esami ‘… wara li dawn kollha mietu b’referenza ghall-istess nanniet u oht Maria Assunta Gauci certa Mari’. Pero wara qal illi ma kienx jiftakar meta l-konvenut mar joqghod fl-istess post izda ‘nahseb (illi dan) mar joqghod fil-post hemmhekk madwar tnax-il sena ilu’ cjoe madwar l-1993. Inoltre hu qal ukoll illi ‘il-mara ta’ Richard Gauci nar(h)a fil-post u dan matul dawn it-tnax-il (12) sena’ kollha li semmejt’. Ninu Pace, xhud iehor prodott mill-attur (fol 76 u fol 77 ibid) specifika illi ‘…

Richard kien joqghod f'din l-ahhar dar' u ' … kont narah hemmhekk u kont narah hemm ta' sikwit'. Inoltre '… bil-gurament tieghi nghid illi l-konvenut meta kien zghir kien joqghod man-nanna li semmejt. Ma nafx pero', jekk kienx jorqod hemm'. Fl-ahhar nett hu qal ukoll illi 'Fl-istess post fejn kienu joqghodu .. in-nanniet u Richard kien hemm ukoll zija ohra'. Illi a fol 95 u fol 108 et seq ibid gew esebiti diversi dokumenti mill-konvenuti fosthom estratt mic-certifikat tal-mewt ta' Maria Assunta Gauci li mietet fl-imsemmi Sptar f'Hal Luqa fil-11 ta' Novembru 2001.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li l-konvenuti, qed jibbazaw it-titolu taghhom ta' kera fuq id-definizzjoni ta' 'kerrej' protett moghtija mill-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Filfatt il-konvenut jirritjeni illi meta mietet nanntu, hu kien qed jirrisjedi maghha.

Illi, dwar dan jigi relevant illi ma' hawn ebda dubbju dwar il-parentela bejn il-konvenut u Maria Assunta Gauci u li l-istess parentela tinkwadra ruhha fid-definizzjoni ta' kerrej 'protett imsemmija. Il-kontenzjuz jirreferi ghal jekk il-konvenut kien jirrisjedi ma nanntu meta din mietet.

Illi jigi premess illi l-istess nanntu mietet, filfatt, fl-Isptar San Vincenz De Paule. Pero' ghal din jigi ritenut illi taht il-ligi in desamina, hi ghandha tigi ritenuta bhala li ghadha detentrici tal-post involut taht titolu ta' kera. Illi mill-provi kif hawn fuq sintizzati hemm evidenza cara illi l-konvenut kien ilu jirrisjedi fl-istess post sa mill-1996. L-istess attur fix-xhieda tieghu, eventwament qal illi hu jahseb illi l-konvenut kien mar jirrisjedi ma' nanntu madwar tnax-il sena qabel u kien jara' lill-mart il-konvenut fl-istess post u matul dan il-perjodu. L-istess punt jirrisulta mix-xhieda ta' Ninu Pace u Nazzareno Ciantar prodotti mill-istess attur u kif hawn fuq riportata. Fl-ahhar nett, kif jirrizutla mill-kopja tar-registru elettorali mahrug f'Ottubru 1996, jidher li l-konvenut u martu kienu registrati ghall-vot dejjem fl-istess post.

Illi minn dawn il-provi u a bazi ta' din l-evidenza hemm provi bizzejjed sabiex wiehed jikkonkludi li l-konvenut effetivament kien jirrisjedi fl-istess post ghal numru pjuttost twil ta' snin u dawn hekk anke meta mietet l-inkwilina.  Konsgwentwent, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti ghax il-konvenut flimkien ma' martu ghandhom jigu konsiderati bhala 'inkwilini protetti' a bazi tal-Kapitolu 69 citati u waqt li tigi akkolta l-eccezzjoni ta' dawn.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li takkolji dak eccepit mill-konvenuti. In rigward l-ispejjes fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------